# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 324/2016JB

Numru: 3

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Renard Dion Zerafa (K.I.: 456690M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-12 ta' Awissu 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin euro u tnax-il centezmu (€1,242.12) rapprezentanti servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 219/2016 (a fol 7) u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 9);

Ra n-nota prezentata mill-konjugi Sciberras (a fol 14) fejn stqarrew li huma jabitaw fl-indirizz moghti ghall-fini ta' notifika u li xtraw il-fond minghand il-Konvenut;

Ra li skond l-ahhar taghrif mir-Registru Elettorali, il-Konvenut huwa elenkat bhala li jabita fl-indirizz moghti mis-Socjeta Attrici;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti (a fol 13, 15 u 18), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta u lanqas ma deher ghas-smiegh;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta u naqas milli jidher ghas-smiegh. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici

rnexxilha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu.  Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,242.12 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-17 ta' Ottubru 2016, data meta l-kawza titqies notifikata.  L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*